KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 02

**Il-Ħamis 18 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 02.1 Qari tal-Apoloġiji

02.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

02.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

02.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 01 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 02.3 Ħatra ta' Viċi Sindku

02.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) infurmat li skont l-Att tal-Kunsilli Lokali, it-tieni l-aktar persuna li tkun ġabet voti mill-partit li ġab il-maġġoranza tal-voti għandha tiġi eletta bħala Viċi Sindku. Għaldaqstant staqsiet lill-Kunsillier Abela Vassallo jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku.

02.3.2 Il-Kunsillier Abela Vassallo qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

### 02.4 Għoti tal-ġuramenti tal-karigi ta' Viċi Sindku

02.4.1 Hawnhekk, il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Dr. Marouska Debono, li kienet preżenti għal-laqgħa, stiednet lill-Kunsillier Abela Vassallo jaqra d-Dikjarazzjoni, jiffirmaha u jbus is-salib.

02.4.2 Wara l-ħatra tal-Viċi Sindku, tkompliet il-laqgħa.

### 02.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku

02.5.1 Is-Sindku informa li kien attenda għal laqgħa ma' numru ta' Sindki u Kunsilliera tal-akwata minħabba storbju maġġorment minn mużika għolja kkawżati minn stabbilimenti fil-viċinanzi. Is-Sindku informa li kien hemm qbil li titqabbad l-avvukat Claire Bonello bħala avukat f'isem dawn il-Kunsilli kollha biex niġġieldu dawn il-problemi flimkien.

02.5.2 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien is-6:20pm.

02.5.3 Is-Sindku informa li min-naħa tad-Depiro kienu daħħlu pjanti ġodda mal-Awtorità tal-Ippjanar però jidher li viżwalment ma nbidel xejn. Il-Perit tal-Kunsill issuġġerixxa li ssir stqarrija pubblika. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħejji kopja tal-istqarrija u din tiġi ċċirkolata bejn kulħadd u tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill qabel ma tiġi ppubblikata.

02.5.4 Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tgħaddi l-informazzjoni kollha dwar il-proġett ta' Pjazza San Nikola lill-Viċi Sindku sabiex jara d-dettalji u jgħaddi xi suġġerimenti lura lill-Kunsill.

02.5.5 Hawnhekk issemmiet ir-rilokazzjoni tal-istruttura tal-iskart ta' Binja Buqana. Is-SE infurmat li xhur ilu, il-Kunsill preċedenti kien diġà ddiskuta u qabel li din l-istruttura titressaq fuq il-parti l-vojta u li kienet infurmat lill-amministratur b'din il-kwistjoni għall-approvazzjoni tagħha. Min-naħa tagħha ma kinitx tatha ebda risposta lura. Hija kienet se tibgħat tfakkira oħra u filkaż tara li titressaq għaliex bħalissa qed tiġi mblukkata l-bankina.

02.5.6 Fuq suġġeriment tas-Sindku, il-Kunsill qabel li l-istruttura tal-iskart ta' Triq il-Gladjoli għandha titmexxa fejn hemm il-MC bays.

02.5.7 Is-Sindku informa li skont ilmenti li twaslulu, hawn problema bil-wirdien f'diversi toroq. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li din hija kwistjoni ta' saħħa pubblika u għaldaqstant ma taqax fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Fil-fatt, il-Kunsill ma jingħatax fondi u lanqas għandu linji-gwidi biex jinxtara u jiġi sprejjat dat-tip ta' likwidu kontra l-wirdien.

02.5.8 Hawnhekk issemmiet ukoll il-kwistjoni tal-ħamiem. Is-SE irrakkomandat lis-Sindku biex iwassal suġġeriment lir-Reġjun biex jaraw jistgħux iġibu xi prezz tajjeb f'isem il-lokalitajiet kollha tat-Tramuntana minħabba li l-iskema tal-AKL kienet spiċċat.

02.5.9 Is-Sindku informa li kellu talba għal parkeġġ komuni għal persuni b'diżabbilità biex jitpoġġa fi Triq it-Torri tal-Arloġġ ma' Triq il-Pepprin. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li f'din l-akwata diġà kien hemm problema akuta ta' parkeġġ u f'din iż-żona diġà kien hemm parkeġġ għal persuni b'diżabbilità. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lil TM.

02.5.10 Kien hemm talba biex l-Imtarfa Drama Group jibdew jużaw sala fil-binja tal-Kunsill. Is-SE spjegat li minħabba li kien hemm deċiżjoni riċenti dwar din il-kwistjoni, kien hemm bżonn li ssir riżoluzzjoni biex tinbidel id-deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti.

02.5.11 Is-Sindku informa li hemm NGO partikolari li xtaqet li tikri kamra bħala uffiċċju. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba għaliex dawn il-kmamar jintużaw regolarment minn entitajiet differenti.

02.5.12 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar il-passaġġi ta' mal-blokok tal-flats tal-Gvern fejn is-SE ġibdet l-attenzjoni li minħabba li hemm numru ta' parapetti li huma proprjetà privata jew titħallas il-kera fuqhom lill-Awtorità tad-Djar (HA), il-policy tal-Kunsill dejjem kienet li l-planters li jmissu mal-binjiet isiru mill-istess residenti filwaqt li l-Kunsill jieħu ħsieb dawk is-soft areas li ma jmissux mal-blokok. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandhom isiru mill-Kunsill. Is-SE insistiet li għallanqas il-Kunsill għandu jġib permess mingħand l-amministratur tal-blokka biex jitnaddfu ċertu żoni. Barra minn dan, fakkret ukoll li l-Kunsill ma jingħatax fondi biex jieħu ħsieb dawn iż-żoni ta' bejn il-blokok u għaldaqstant ħeġġet lill-Kunsill biex jintalbu fondi lill-HA biex issir il-manutenzjoni neċessarja.

02.5.13 Kien hemm qbil li s-SE għandha tgħaddi kopja tax-schedule tat-toroq li jitnaddfu mill-kenniesa lill-Kunsilliera. Kien hemm qbil ukoll li għandu jinxtara scraper għall-kenniesa minħabba l-ħaxix.

02.5.14 Is-Sindku għamel suġġeriment biex jitwaħħlu xi doggie bins fil-bypass tal-Imtarfa. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-bypass m'hijiex responsabbiltà tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant issuġġeriet biex issir talba formali lil Clean Malta biex iwaħħlu u jieħdu ħsieb it-tindif regolari ta' dawn il-bins. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-SE.

02.5.15 Hawnhekk is-Sindku informa li kien hemm skema tar-Reġjun Tramuntana għal għajnuna sa €20,000 lil kull Kunsill biex jiġu organizzati xi attivitajiet soċjali u kulturali. Is-SE infurmat li l-Kunsill preċedenti diġà kien uża  €3500 għal Jum l-Imtarfa u kien hemm deċiżjoni biex il-kumplament jinqasmu fuq attivitajiet fil-Visitors Centre u għal Military Mtarfa (jew attività simili). Hawnhekk is-Sindku ssuġġerixxa li minflok, il-kumplament tal-fondi jintużaw kif ġej: €2000 għal irranġar tax-xelter; €2000 għal bnadar għall-arbli;  €2,000 għal sound system; €500 għall-overtime tal-ħaddiema u spejjeż oħra biex tiġi organizzata Military Walk mal-MTA; u €10,000 biex jinxtraw dekorazzjonijiet tal-Milied. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan it-tibdil. Hawnhekk iżda s-SE ġibdet l-attenzjoni li minħabba li kien hemm deċiżjoni riċenti, hemm bżonn li fil-laqgħa li jmiss titressaq riżoluzzjoni sabiex tkun tista' tiġi rrekordjata fil-minuti flimkien mad-deċiżjoni.

## 02.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (April – Ġunju 24)

02.6.1 Is-SE stiednet lill-accountant, li kienet onlajn, biex tagħti spjega dwar ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart.

02.6.2 Hawnhekk is-Sinj. Perici Ferrante spjegat li l-Kunsill kien jinsab f'sitwazzjoni ekonomika aħjar minn dak previst għaliex fil-perjodu April sa Ġunju, irnexxielu jagħmel *savings* ta' €3,875. L-indikatur finanzjarju kien ukoll wieħed tajjeb.

02.6.3 Is-SE u l-*accountant* taw ukoll spjega ħafifa tal-baġit tal-Kunsill li kien ġie approvat f'Jannar li għadda.

02.6.4 Hawnhekk l-*accountant* ġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn li l-Kunsill iżomm strettament mad-direzzjoni li tkun qed tagħti s-SE sabiex jaċċerta li jibqa' sejjer fuq it-triq it-tajba u ma jispiċċax is-sena minn taħt.

## 02.7 *Charging Points* fl-Imtarfa

02.7.1 Hawnhekk kien hawn qbil li dan l-item jiġi pospost għal-laqgħa li jmiss minħabba li kien sar ħafna ħin u kien hemm materji aktar urġenti.

## 02.8 Mdina Grand Prix 2024

02.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand l-organizzaturi tal-Imdina Grand Prix dwar id-dati ta' din is-sena u talba biex membri mill-Kunsill jattendu għal-laqgħat ta' organizzazzjoni.

02.8.2 Is-SE infurmat li s-sena ta' qabel, il-ftehim kien li Triq GBO, Vjal il-Ħaddiem u Triq l-Għeriexem fir-Rabat għandha titħaddem fuq bażi ta' direzzjoni unika. Sfortunatament wara ħafna laqgħat, din xorta tħaddmet fuq żewġ direzzjonijiet bir-riżultat li xorta kien hemm problemi kbar tat-traffiku.

02.8.3 Hawnhekk is-SE qrat estratt mill-minuti 62/23 tal-Kunsill preċedenti, fejn kien ġie osservat li kien hemm ħafna tgergir u għaldaqstant kellu jkun hemm diskussjoni serja dwar jekk il-Kunsill għandux jerġa' jaċċetta li ssir.

02.8.4 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-organizzaturi fejn jiġu mitluba biex iħallu t-telgħa tal-imtarfa fuq bażi *two way* minn fuq nett ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello sar-roundabout ta' Buqana, ħdejn iċ-ċimiterju. Kien hemm qbil ukoll li l-bypass għandha tinfetaħ immedjatament wara t-tellieqa tas-Sibt. Jekk dawn ma jaqblux mal-proposta kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jopponi għal din l-attività.

02.8.5 Sadanittant kien hemm qbil li għal din il-laqgħa għandhom jattendu s-SE, is-Sindku u l-Kunsillier Vella.

02.8.6 Kemm-il darba dawn jaċċettaw li l-immaniġġjar tat-traffiku jitmexxa kif propost mill-Kunsill, kien se jintalab ukoll kumpens għall-inkonvenjenza li ssofri l-lokalità matul dawn il-ġranet.

## 02.9 Impjegati u Kuntratturi

02.9.1 Hawnhekk kien hawn qbil li dan l-item jinqabeż minħabba li kien sar ħafna ħin u kien hemm materji aktar urġenti x'jiġu diskussi.

## 02.10 Punti Oħra

02.10.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienu għaddew kważi t-tliet sigħat tal-laqgħa.

02.10.2 Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill jgħaddi immedjatament għall-approvazzjoni tal-iskeda u d-deċiżjoni dwar il-laqgħa li jmiss.

## 02.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

02.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 02/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Vella ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 02.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

02.12.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu 2024 fis-6:00pm.

**IFFIRMATA**
Dale Hayman
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv